MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' April, 2023

Appell Inferjuri Numru 34/2022 LM

**Kunsill Lokali tal-Gżira**
*('l-appellat')*

***vs.***

**L-Awtorità tal-Artijiet**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Awtorità tal-Artijiet** [hawnhekk 'l-intimata' jew 'l-appellanta'] minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] tal-1 ta' Novembru, 2022 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha t-Tribunal laqa' l-ewwel żewġ aggravji tar-rikorrent **Kunsill Lokali tal-Gżira** [hawnhekk 'ir-rikorrent' jew 'l-appellat'], ċaħad it-tielet aggravju tiegħu, u konsegwentement

ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-intimata sa fejn dawn huma inkompatibbli mal-kumplament tas-sentena tiegħu. Konsegwentement it-Tribunal annulla d-deċiżjoni tal-intimata tal-11 ta' April, 2022.

## Fatti

2. Fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem it-Tribunal, il-Kunsill Lokali tal-Gżira spjega li huwa jirrappreżenta lir-residenti ta' lokalità li qegħda ssir dejjem aktar kummerċjalizzata, u fejn hemm nuqqas ta' spazji miftuħa għat-tgawdija tar-residenti. Spjega li l-uniku spazju miftuħ u aħdar li hemm fil-lokalità huwa Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa [minn issa 'il-Ġnien'], li ġie devolut lill-Kunsill Lokali tal-Gżira fit-8 ta' Marzu, 2000, u l-istess Kunsill Lokali jieħu ħsieb iħallas il-kera għalih, jagħmel il-manutenzjoni u saħansitra ħejja pjanijiet sabiex isebbaħ u jtejjeb il-Ġnien għall-benefiċċju tal-lokalità u tar-residenti tagħha. Qal li permezz ta' ittra tal-11 ta' April, 2022, l-Awtorità tal-Artijiet infurmat lill-Kunsill rikorrent li parti minn dan il-Ġnien tal-kejl ta' 902 metru kwadru hija meħtieġa lura, u l-allokazzjoni ta' din il-parti tal-Ġnien ser tiġi tterminata fi żmien xahar mid-data ta' dik l-ittra.

## Mertu

3. Fir-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, il-Kunsill Lokali rikorrent qal li l-Awtorità intimata ma mxietx mal-prinċipju *audi et alteram partem* biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, u l-istess Kunsill ma ngħatax id-dritt tal-ewwel rifjut. Ir-rikorrent spjega li minkejja li l-Ġnien in kwistjoni huwa spazju miftuħ u aħdar, l-intimata qatt ma kkomunikat mal-Kunsill rikorrenti sabiex tisma' dan x'għandu

xi jgħid dwar l-intenzjoni tal-intimata li tneħħi parti sostanzjali mill-Ġnien mill-amministrazzjoni u l-użu tal-Kunsill Lokali tal-Gżira u tar-residenti tal-lokalità. Il-Kunsill rikorrent qal li għalhekk l-intimata imxiet b'mod inġust meta ma tatux il-possibilità li jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu. Żied jgħid li dan il-ksur jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali *audi alteram partem,* u l-Kunsill ma ngħatax l-opportunità li jagħmel offerta sabiex ikompli jikri l-Ġnien fl-intier tiegħu.

4. Il-Kunsill Lokali rikorrent spjega wkoll li l-Awtorità intimata ma mmotivatx id-deċiżjoni tagħha, u dan bi ksur tal-obbligu tagħha li tagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha, u naqset milli tipprovdi kopja tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi lill-istess Kunsill Lokali rikorrent. Il-Kunsill rikorrenti qal li l-ittra mibgħuta mill-intimata hija nieqsa minn kull motivazzjoni jew raġuni, u dan bi ksur tal-prinċipji ta' imġiba amministrattiva tajba għal deċiżjonijiet motivati.

5. Il-Kunsill Lokali rikorrent spjega wkoll li l-Awtorità intimata qegħda tonqos milli tħares l-obbligi tagħha li tamministra l-proprjetà pubblika bl-aħjar mod, u dan wassal għad-deċiżjoni tagħha abbażi ta' konsiderazzjonijiet irrilevanti, arbitrarji u mhux xierqa, kontra l-interess pubbliku u l-interess komunitarju. Il-Kunsill rikorrent spjega li t-teħid ta' parti daqstant kbira minn mill-imsemmi Ġnien ser jippreġudika l-pjanijiet tiegħu għall-provvista ta' aktar faċilitajiet għall-pubbliku, għat-tfal u għall-komunità b'mod ġenerali.

6. Flimkien mar-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, il-Kunsill Lokali rikorrent ippreżenta kopja tal-kuntratt tat-8 ta' Marzu, 2000, li permezz tiegħu l-Ġnien mertu ta' dawn il-proċeduri ġie devolut lill-Kunsill Lokali tal-Gżira, flimkien ma'

kopja tal-ittra bir-referenza L198/2020, datata l-11 ta' April, 2022, li permezz tagħha l-intimata talbet lura parti mill-Ġnien in kwistjoni.

7. Min-naħa tagħha l-intimata wieġbet li l-Kunsill rikorrent m'għandux dritt ta' appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, u dan stante li ma ntbagħtet l-ebda deċiżjoni lilu, iżda biss ittra b'informazzjoni li skattat klawsola minn kuntratt iffirmat bejn il-partijiet. Qalet ukoll li l-iskattar ta' kundizzjoni f'kuntratt ma jikkwalifikax bħala deċiżjoni *ai termini* tal-artikolu 57(a) tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta, u lanqas ma jikkwalifika bħala att amministrattiv jew piena *ai termini* tal-artikolu 57(b) tal-istess liġi, u għalhekk ma jissussistux ir-rekwiżiti imposti mill-Kap. 563 sabiex isir appell quddiem it-Tribunal.

8. L-intimata spjegat li hija aġixxiet skont il-klawsola numru 2 tal-kuntratt bejn il-partijiet, li tgħid li f'każ li l-Gvern ikun jeħtieġ din l-art jew xi parti minnha lura matul il-perijodu tal-kirja, l-inkwilin, f'dan il-każ il-Kunsill Lokali, jkun obbligat irodd din l-art lura fi żmien xahar minn meta jirċievi talba bil-miktub biex jagħmel dan. Qalet li għalhekk hija qegħda taġixxi legalment u *ai termini* tal-kuntratt bejn il-partijiet.

9. L-intimata qalet li d-dritt tal-ewwel rifjut jingħata biss f'każijiet kummerċjali u mhux f'każijiet simili għal dak odjern. Qalet li lanqas taħt l-artikolu 32 tal-Kap. 573 m'hija obbligata tagħti d-dritt tal-ewwel rifjut, iżda l-liġi tistipula biss li offerti għat-trasferimenti ta' art tal-Gvern **jistgħu** jkunu suġġetti għad-dritt tal-ewwel rifjut. Qalet ukoll li dan id-dritt jista' jiġi kkonsidrat fil-każ ta' offerti għal trasferiment, iżda li f'dan l-istadju ma kien hemm l-ebda sejħa għall-offerti. Qalet li l-appell tal-Kunsill Lokali rikorrent qiegħed isir minn dritt

eżerċitabbli mill-Awtorità intimata li tittermina kirja ta' parti mill-Ġnien skont il-klawsola kuntrattwali msemmija li l-Kunsill rikorrent kien konsapevoli tagħha, u għalhekk irid jiġi rispettat il-prinċipju *pacta sunt servanda.* Qalet ukoll li dan mhux appell mill-fatt li ma ġiex ikkonsidrat id-dritt tal-ewwel rifjut. L-intimata qalet ukoll li ma jistax jingħad li hija ma mxietx mal-prinċipju ta' *audi alteram partem,* u dan għaliex hija qegħda tipprova tħaddem kundizzjoni magħrufa miż-żewġ partijiet f'kuntratt iffirmat minnhom it-tnejn.

10. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-Kunsill Lokali rikorrent, l-intimata qalet li l-ittra tagħha ma kien fiha l-ebda deċiżjoni, iżda kienet ittra ta' informazzjoni dwar l-iskattar ta' klawsola kuntrattwali li qabel dwarha, aċċetta u ffirma għaliha l-Kunsill Lokali rikorrent.

11. L-intimata qalet ukoll li hija qegħda tipprova tieħu lura parti mill-Ġnien u mhux il-Ġnien kollu, u bl-iskattar tal-kundizzjoni numru 2 tal-kuntratt, hija ser tkun qegħda taġixxi skont id-drittijiet u d-dmirijiet legali tagħha u entro l-klawsoli li jirregolaw ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet. Qalet li bħala amministratur tal-art, hija għandha stampa ħolistika ta' kif l-art tista' tiġi amministrata bl-aħjar mod possibbli fl-interess tas-soċjetà kollha.

12. **Dr Hendrick Magro** *Legal Professional Officer* mal-Awtorità intimata, xehed quddiem it-Tribunal li fil-każ odjern ittieħdu żewġ deċiżjonijiet separatament, waħda tad-*Disposals Committee,* u deċiżjoni oħra tas-CEO tal-Awtorità intimata, li tah struzzjonijiet sabiex jittermina l-kirja tal-parti mill-Ġnien in kwistjoni. Ix-xhud qal li wara li kkonsulta l-*file* tad-Dipartiment, irriżultalu li l-kirja in kwistjoni kienet skadiet fl-2018, u sussegwentement ma

kien hemm l-ebda deċiżjoni sabiex din tiġġedded. Qal li t-terminazzjoni in kwistjoni saret abbażi tal-klawsola numru 2 tal-kuntratt bejn il-partijiet. Ix-xhud qal ukoll li kien hemm numru ta' ċedoli ta' depożitu ppreżentati taħt l-awtorità tal-Qorti mill-Kunsill rikorrent.

13. **Robert Vella**, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità intimata, xehed quddiem it-Tribunal li huwa kien ilu madwar sena u nofs fil-kariga. Qal li l-Kumitati u l-Bord ta' qablu kienu diġà ħadu d-deċiżjoni li għandha tiġi tterminata l-kirja ta' parti mill-Ġnien, u ta struzzjonijiet lil-Legal Office biex jibdew il-proċess tat-terminazzjoni. Qal ukoll li l-istorja bdiet fl-1998, meta s-sid ta' *petrol station* li tinsab mal-mitt metru bogħod mill-Ġnien, kien talab biex jieħu parti mill-Ġnien, u dak iż-żmien kien intalab japplika għall-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar. Qal li l-permess in kwistjoni ħareġ fl-2019, u ladarba ngħalaq il-proċess quddiem l-EPRT, dan il-proġett seta' jinbeda. Qal ukoll li biex il-pompa tal-*petrol* tiġi rilokata minn fejn qegħda fil-preżent, bilfors li trid tiġi tterminata parti mill-kirja tal-Ġnien. Ix-xhud qal li l-Gvern dejjem żamm id-dritt li jieħu lura l-art kollha tal-Ġnien jew parti biss minnha, u fil-fatt kien hemm okkażjoni fejn parti mill-Ġnien ittieħdet biex isir *kiosk.* Ix-xhud qal li meta huwa kkonsulta l-*file* relattiv, rriżultalu li kien hemm deċiżjoni tal-Kap Eżekuttiv preċedenti fir-rigward tat-terminazzjoni tal-kirja ta' parti mill-Ġnien sabiex il-pompa tal-*petrol* tkun tista' tiġi rilokata. Qal ukoll li s-sidien tal-pompa damu għoxrin sena biex kisbu l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, u għalhekk kienu l-kapijiet li kien hemm qablu li ħadu ċerti deċiżjonijiet.

14. **Ian Galea** rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar, xehed li l-applikazzjoni għall-permess ġiet ippreżentata fl-1999, u l-applikant dakinhar ma kienx indika

li huwa sid tal-art. Qal ukoll li flimkien mal-applikazzjoni, l-applikant bagħat notifika lill-Kummissarju tal-Artijiet.

15. **Conrad Borg Manche**, Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Gżira, xehed quddiem it-Tribunal li l-Kunsill dejjem ħallas il-flus sabiex issir il-manutenzjoni tal-Ġnien mertu ta’ dawn il-proċeduri, u qal li l-Kunsill Lokali għandu pjanijiet għal dan il-Ġnien. Spjega li fl-inħawi tal-Gżira hemm densità tal-popolazzjoni u nuqqas ta’ spazji miftuħa, u għalhekk il-Kunsill rikorrent daħħal applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar dwar proġett biex jiġi rranġat il-Ġnien, u informa b’dan lill-Awtorità tal-Artijiet bħala s-sid tal-art. Qal li l-Awtorità tal-Artijiet baqgħet ma awtorizzatx il-proġett li jixtieq jagħmel il-Kunsill Lokali. Ix-xhud qal li huwa sar jaf b’kumbinazzjoni bil-pjanijiet sabiex fuq parti mill-Ġnien tiġi rilokata pompa tal-*petrol*. Ix-xhud qal ukoll li l-kirja li l-Kunsill Lokali kellu fir-rigward ta’ din l-art għadha attiva, u l-Kunsill Lokali qiegħed jiddepożita l-kera dovuta taħt l-awtorità tal-Qorti. L-istess xhud ippreżenta quddiem it-Tribunal kopja ta’ rapport li sar minn esperti tekniċi dwar ir-rilokazzjoni tal-pompa in kwistjoni, u bil-ħsara li potenzjalment ser tiġi kkawżata jekk il-pompa tal-*petrol* tiġi rilokata fil-Ġnien.

16. Permezz ta’ nota ppreżentata mill-Awtorità intimata, ġew esebiti kopja tad-deċiżjoni tad-*Disposals Committee* rigward ir-rilokazzjoni tal-pompa tal-*petrol* in kwistjoni, kopja tal-korrispondenza li kien hemm tul is-snin mas-sid tal-pompa tal-*petrol,* kopja tar-riżoluzzjonijiet tal-Bord dwar in-nomina tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet u kopja tad-delega tas-setgħa mogħtija lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet. Ġew ippreżentati wkoll kopja tal-korrispondenza li kien hemm bejn il-Kunsill Lokali tal-Gżira u l-Awtorità intimata fl-2014, kopja ta’ korrispondenza bejn l-istess partijiet fl-2015, kopja taċ-ċedola

ta' depożitu li ġiet ippreżentata mill-Kunsill Lokali rikorrent, korrispondenza li kien hemm bejn il-Kunsill Lokali rikorrent u l-Awtorità intimata wara li l-Awtorità intimata naqset li taċċetta l-kera, u kopja tal-korrispondenza bejn il-Kunsill Lokali rikorrent u l-Awtorità intimata.

17. **Claire Goodlip** Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali rikorrent, qalet li l-Kunsill tal-Gżira ma jaqbilx mar-rilokazzjoni proposta tal-pompa tal-*petrol*. Ix-xhud ippreżentat il-minuti tal-Kunsill Lokali, bħala prova tad-diskussjonijiet li saru fil-Kunsill tul is-snin fir-rigward tal-imsemmi Ġnien.

## Is-Sentenza Appellata

18. Permezz tas-sentenza mogħtija fl-1 ta' Novembru, 2022, it-Tribunal iddeċieda li jilqa' l-ewwel żewġ aggravji tal-Kunsill rikorrent, filwaqt li ċaħad it-tielet aggravju, u konsegwentement ċaħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata safejn inkompatibbli mad-deċiżjoni mogħtija, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**Ikkunsidra:***
>
> *Illi l-Kunsill ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità kif kontenuta f'ittra datata 11 ta' April, 2022 li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti, u ċioe:*
>
> **Inkarigat niktbilkom għan-nom tal-Awtorità tal-Artijiet fir-rigward tal-Ġnien su-ċitat. Nagħmel referenza għall-kundizzjoni numru 2 tal-*'Lease Agreement for the Administration and Use of Yacht Marina Garden by the Gżira Local Council'* iffirmat nhar it-8 ta' Marzu, tas-sena 2000.**
>
> **Permezz tal-preżenti, l-Awtorità tal-Artijiet qegħda tinfurmakom li parti minn dan il-Ġnien ta' 902 m.k. hija meħtieġa lura, u din kif indikata bil-kulur blu fuq il-pjanta PD 185_99_1 u liema qegħda tiġi annessa ma' din l-ittra. Għaldaqstant, l-allokazzjoni ta' din il-parti tal-Ġnien (902m.k.) ser tkun qegħda tiġi terminata fi żmien xahar min-notifika lilkom ta' din l-ittra.**

**Il-Kunsill ser jibqa' jgawdi l-allokazzjoni relattiva fuq il-parti rimanenti ta' dan il-Ġnien kif indikata bl-aħmar fuq l-istess annessa site plan.**

**Illi fiż-żmien li ġej, l-Awtorità ser tkun qed tikkomunika magħkom ir-rata ġdida ta' kera dovuta fir-rigward tal-porzjon rimanenti. Tali terminazzjoni ssir ukoll mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kwistjoni pendenti oħra li jista' jkun hemm fuq l-istess Ġnien.**

*Illi ċ-ċitata kundizzjoni numru 2 tal-*Lease Agreement for the Administration and Use of Yacht Marina Garden by the Gżira Local Council *tgħid hekk:*

**2. It is hereby agreed that if at any time during the term of lease, Government requires back the property let or any part thereof, the Lessee shall surrender the property let or the part required within one month from a written notice to this effect.**

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi fis-snin disgħin kien hemm proġettat tibdil infrastrutturali fil-Gżira u proprjament fejn hemm lokata pompa tal-petrol. Illi l-istess pompa tal-petrol tinsab ftit metri bogħod mill-Ġnien in kwistjoni.*

*Jirriżulta wkoll illi minħabba l-imsemmi proġetti kellha titneħħa l-pompa minn fejn kienet, u għaldaqstant sid il-pompa daħal f'diskussjoni ma' diversi entitajiet governattivi dwar il-possibilità li l-istess pompa tiġi rilokata. Permezz ta' ittra datata 1 ta' Settembru, 1998, il-predeċessur tal-Awtorità kiteb lil ċertu Joseph Muscat u infurmah bis-segwenti:*

**I am directed to inform you that the alternative site identified for your Petrol Station by the Roads Department is that shown washed orange on the attached site plan.**

**I would like to inform you that this Department is prepared to consider the allocation of the site in question as an alternative site, to be used as a petrol station if the necessary consent is given by the Planning Authority.**

**In the circumstances, you are advised to seek Planning Authority's approval to your proposal, this of course without prejudice to the final outcome of the eventual allocation. Moreover, this department is in no way to be held responsible for any expenses incurred in seeking Planning Authority's approval.** *(fn. 2 a fol. 148)*

*Għaldaqstant fl-1999 ċertu Simon Muscat issottometta applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar għal* "Re-Allocation of existing service station due to road widening exercise". *Peress li l-art fejn kienet se tiġi rilokata l-pompa kienet art tal-Gvern,*

*Muscat innotifika lill-Kummissarju tal-Artijiet bl-applikazzjoni li huwa ssottometta mal-Awtorità tal-Ippjanar. (fn. 3 a fol. 63)*

*Illi din l-applikazzjoni ġiet finalment approvata mill-Awtorità tal-Ippjanar wara diversi snin u appellata mill-Kunsill Lokali tal-Gżira quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li permezz ta' deċiżjoni datata 2 ta' Lulju, 2020 ikkonferma l-approvazzjoni għall-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar. Illi l-Kunsill appella tali deċiżjoni bil-Qorti tal-Appell Inferjuri, fil-15 ta' Ottubru, 2020, tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal. (fn. 4 It-Tribunal ħa* judicial notice *ta' dawn il-fatti minn fuq is-sit elettroniku tal-Qrati)*

*Illi jirriżulta wkoll li preċedentement għad-deċiżjoni appellata, l-Awtorità kienet diġà wettqet eżerċizzju identiku għal dak appellat fejn b'referenza għal kundizzjoni 2 tal-kuntratt ta' kirja, itterminat parti mill-kirja tal-Kunsill fuq il-Ġnien in kwistjoni u dan kif jirriżulta wara ittra datata 3 ta' Marzu, 2004 u oħra datata 20 ta' Jannar, 2015. (fn. 5 a fol. 39 u fol. 41)*

*Illi għalhekk dan it-Tribunal għandu quddiemu sitwazzjoni fejn il-Kunsill igawdi minn kirja fuq art pubblika u li fuqha jamministra Ġnien pubbliku però bil-kundizzjoni li jekk il-Gvern ikollu ħtieġa li jieħu l-istess proprjetà lura, jew parti minnha, il-Kunsill huwa obbligat li jirrilaxxa l-istess fi żmien xahar minn meta jirċievi notifika bil-miktub dwar dan.*

*Illi t-Tribunal għandu quddiemu wkoll sitwazzjoni fejn il-ġestur tal-pompa kien ġie avżat mill-predeċessur tal-Awtorità sabiex iġib l-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar għar-rilokazzjoni tal-pompa, u dan mingħajr ebda preġudizzju għall-eventwali deċiżjoni tal-istess predeċessur rigward l-allokazzjoni għal sit alternattiv.*

*Jirriżulta wkoll illi l-ġestur tal-pompa għamel dak li kien avżat jagħmel u llum il-ġurnata l-iżvilupp huwa kopert bil-permessi neċessarji tal-ippjanar. Kien għalhekk li ladarba l-ġestur kellu l-permessi f'idejh huwa reġa' avviċina lill-Awtorità sabiex issir l-allokazzjoni tal-art pubblika minn fejn ikun jista' jiġġestixxi l-pompa tal-*petrol.

*Skont ma xehed is-Sindku Conrad Borg Manche, l-applikazzjoni odjerna sar jaf biha b'kumbinazzjoni u dana peress li meta reġgħet telgħet fuq l-aġenda tal-Awtorità tal-Ippjanar wara ħafna snin, ħadd ma kien informahom. Madanakollu l-Kunsill irnexxielu jsemma' leħnu kontra dan l-iżvilupp, appella mill-permess u wkoll appella mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, liema proċeduri kellhom eżitu sfavorevoli għall-istess Kunsill.*

*Illi l-proċeduri odjerni, għandhom element komuni mal-proċeduri hawn fuq imsemmija, huma purament dwar il-fatt jekk l-Awtorità imxietx amministrattivament*

*b'mod raġonevoli u jekk segwietx il-proċeduri amministrattivi mistennija minnha f'deċiżjonijiet ta' din ix-xorta.*

***Ikkunsidra:***

*Illi t-Tribunal se jibda biex jittratta eċċezzjoni preliminari mqajma mill-Awtorità, u ċioe illi l-ittra mibgħuta lill-Kunsill kienet biss informazzjoni skattata minn klawsola f'kuntratt bejniethom u kwindi ma tistax tammonta għal "deċiżjoni" f'sens amministrattiv. Kwindi, l-Awtorità ssostni, li l-Kunsill ma kellux dritt ta' appell quddiem dan it-Tribunal stante li ma ġie mwettaq ebda "att amministrattiv".*

*It-Tribunal jagħmel referenza għal artikolu 57 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet) li jgħid is-segwenti, u ċioe:*

(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amminstrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:

(a) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u
(b) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:

Iżda t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma għandu bl-ebda mod ikun kompetenti biex jisma' u jiddeċiedi kawżi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Bord ta' Arbitraġġ tal-Artijiet:

Iżda wkoll, sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi, oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandha tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità.

*Illi għal dan it-Tribunal huwa ċar li l-ittra mibgħuta lill-Kunsill tammonta għal "deċiżjoni" tal-Awtorità li permezz tagħha ddeċidiet li tittermina parti mill-kirja li kien igawdi l-Kunsill. Illi di più fl-istess ittra hemm ordni ta' terminazzjoni ta' parti mill-kirja, liema "ordni" tidħol fid-definizzjoni ta' "att amministrattiv" ai termini tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva). Kwindi din l-eċċezzjoni qegħda tiġi miċħuda.*

*Illi t-Tribunal sejjer issa jittratta l-aggravji mressqa mill-Kunsill.*

*Permezz tal-ewwel u t-tieni aggravji l-Kunsill isostni li l-Awtorità ma mxietx mal-prinċipju tal-*audi alteram partem *biex waslet għad-deċiżjoni tagħha, u wkoll li ma tatx ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha, u kwindi ma segwietx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali.*

*Illi l-materja dwar jekk il-prinċipji ta' ġustizzja naturali japplikawx fl-isfera tal-atti amministrattivi ġiet diskussa f'numru ta' sentenzi kemm tal-Qrati tagħna u kif ukoll dawk Ingliżi, u kif ukoll ġiet dibattuta minn diversi awturi legali, fosthom lokali.*

*Fl-istudju li sar minn Dr. Tonio Borg, intitolat* Judicial Review of Administrative Action in Malta *insibu hekk:*

Another application of the rules to entities which were not administrative tribunals occurred in the landmark judgment of Mary Grech v. Minister responsible for the Development of Infrastructure. (*fn. 6 (CA) (29 January 1993).* A permit had been issued by the Planning Areas Permits Board (PAPB) to plaintiff under the condition that such permit could be withdrawn at any time. Subsequently such permit was withdrawn, without any notice or opportunity given to plaintiff to make representations. Even though a right of appeal from such decision of withdrawal existed to the minister, the court ruled that the loose fashion in which proceedings took place in the absence of plaintiff and without any reasons registered in the records, made such appeal futile, and therefore applying the principles of natural justice, quashed such withdrawal. It then made the substantive ruling that:

In matters where the rights of the individual were materially and substantially affected, as in cases where a building permit was withdrawn, it was a principle of justice that the authority withdrawing the permit had first of all to hear the party concerned before the effecting of such withdrawal (emphasis added).

Consequently, the decision of withdrawal was quashed, but the court did not take any decision on the permit itself since the matter was referred to the board for a final decision after observing the rules of natural justice. (*fn. 7 In* George Falzon v. Minister Rural Affairs and Environment et *(FH) (27 January 2010 (1010/03) (Mr Justice R. Pace) the fact that several warnings had been issued, and site inspections held indicated that an opportunity was given for an animal breeder to air his views prior to the withdrawal of his abbatoir licence;* in Agostino Bartolo et v. Director of Land et (*FH) (30 October 2015) (104/04) (Mr Justice A. Ellul), it was decided that the refusal to grant an encroachment permit on government land which had been so occupied under same title by father of applicant, was not covered by natural justice rules).*

What is interesting is that for the first time the Court of Appeal announced the principle that the rules of natural justice apply each time a public officer or authority takes decisions in matters where the rights of the individual are materially and substantially affected. This pronouncement is important for in most cases dealing with natural justice, the issues had been that of reviewing decisions of administrative

tribunals which presently had a judicial function. Here the principles were extended to cover any decision by a public officer or authority which deals with the rights of individuals in a material respect. (*fn. 8 See also* Paul Cassar noe v. Malta Transport Authority (CA) (25 January 2013) (1146/06) *regarding the revocation of a licence for a vehicle roadworthiness test (VRT) garage: "It has been proven in this case that there was a breach of the principle of natural justice for there was no fair hearing, no equality of arms, non-observance of the principle of audi alteram partem and also plaintiff was never informed that he was being charged with behaviour which if found that he was responsible for, would entail a penalty of LM50,000 which in fact was inflicted by the Authority's decision. See also* Francesco Fenech Services Ltd. v. Director of Contracts (FH) (22 October 2014) (2302/00) (Mr Justice S. Meli) *where an order for resubmission of samples in a public works tendering process was deemed to be in violation of the rules of natural justice.*

*It-Tribunal jagħmel ukoll referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Midi plc vs Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili per Onor. Imħallef Toni Abela fis-16 ta' Novembru, 2017, fejn intqal hekk:*

24. Għandu jingħad li, l-prinċipji tal-Ġustizzja Naturali ma humiex iddettati, esklużi jew modifikati minn id il-bniedem. Dawn huma minquxa fil-kuxjenza ta' dak li għandu mis-sewwa u ġust. Ebda leġislazzjoni ma tista' tidderoga mill-ħtieġa tagħhom fejn din il-ħtieġa tirriżulta.

25. Għalhekk, konstatat dan il-punt mhux dejjem jiswa l-argument ikkostruwit fuq massimi bħal '*ubi lex voluit dixit*' jew '*lex specialis derogat lex generalis*'. L-osservanza u ħarsien tal-prinċipji tal-Ġustizzja Naturali ma humiex derogabbli jew u lanqas ma jistgħu jkunu esklużi fejn oġġettivament għandhom jitħarsu. Stabbiliti dawn il-punti, il-Qorti ser tikkonsidra jekk f'dan il-każ, il-prinċipji msemmija ġewx osservati.

...

F'dan l-istadju, huwa valevoli li ssir referenza għal dak li josserva Evans De Smith's f'Judicial Review of Administrative Action (4th Edition pg. 196):-

"Natural justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position: (a) to make representations on their own behalf; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held); and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet ... In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him

proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter." (ara wkoll Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Paul Borg vs l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku tat-28 ta' Settembru, 2012 u Rik. Nru. 1101/07TA 22 Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Kompjant Imħallef Ray Pace tas-27 ta' Jannar, 2011 fl-ismijiet Falzon vs Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent et).

39. Minn dan jemerġi, li skont De Smith, fiċ-ċirkostanzi fejn tassew ikun meħtieġ, l-avviż għandu jingħata lill-persuna mhux sempliċement biex ikun mgħarraf, iżda biex ikollu l-opportunità taħt forma jew oħra, jgħid tiegħu qabel u mhux wara li ssir il-ftira.

...

62. Il-fatt li l-liġi ma tipprovdix għal dan espressament, ma jeżonerax lill-Awtorità milli tagħti l-minimu ta' smigħ lill-persuna, meta ċ-ċirkostanzi hekk ikunu jiddettaw. Meta d-dritt ta' smigħ ma jissemmiex espressament mil-liġi, l-Awtorità ma tistax tiddeċiedi b'diżinvoltura daqs li kieku l-prinċipji fuq imsemmija ma jeżistux. Anzi, fejn il-liġi tibqa' siekta f'dan ir-rigward, bħal ma jagħmel artikolu 4(1) tar-Regolamenti, l-Awtorità trid timxi b'aktar kawtela. Dan għaliex il-piż tad-diskrezzjoni huwa itqal u aktar oneruż meta s-smigħ ta' liema xorta jkun, tiddettah espressament il-liġi.

*Dan it-Tribunal jagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet* **CCD Limited vs Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta u b'digriet tal-1 ta' Novembru, 2010, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta assumiet l-atti minflok l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta** *deċiża fis-17 ta' Ġunju, 2013, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili per Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon fejn intqal hekk:*

Huwa risaput li l-prinċipji ta' ġustizzja naturali huma dawk il-prinċipji **minimi** li għandhom ikunu osservati waqt proċeduri anke ta' entità amministrattiva illi għandha l-kompitu li tiddeċiedi dwar fatti li fuqhom imbagħad Qrati tal-Ġustizzja għandha s-setgħa li tiegħu deċiżjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna. Il-prinċipji tal-ġustizzja naturali huma audi alteram partem u nemo judex in causa propria. Fil-kawża **"Board of Education v. Rice"** (1911 – AC 179), Lord Loreburn afferma li l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali 'is a duty lying upon everyone who decides anything.'

Il-prinċipju audi alteram partem jirrikjedi li qabel ma tittieħed deċiżjoni amministrattiva fil-konfront ta' persuna, din tal-aħħar mhux biss għandha tkun mgħarrfa, iżda għandha tingħata l-opportunità li tgħid tagħha. Fuq kollox jingħata widen tassew għal dak li l-persuna konċernata għandha xi tgħid, u fl-istess waqt tingħata opportunità li tiddefendi l-każ kif inhu xieraq.

Fis-sentenza Ingliża “**Ridge v. Baldwin**” (1964 – AC 40) ‘the right to a fair hearing’ kien iddikjarat bħala ‘a rule of universal application’. F’dik is-sentenza, Lord Reid qal hekk – before attempting to reach any decision they were bound to inform him of the grounds on which they proposed to act and give him a fair opportunity of being heard in his own defence’. U jkompli hekk – Accordingly, in my judgment, a local authority is under a duty, when dealing with entertainment licences, first, to inform the applicant of the substance of any objection or of any representation in the nature of any objection ... and secondly, to give him an opportunity to make representations in reply.”

Fis-sentenza “**Borg vs l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku**” deċiża fil-21 ta’ Mejju, 2009, minn din il-Qorti diversament presjeduta (**PA/JRM)** [u konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Settembru, 2022] ingħad hekk dwar il-prinċipji tal-ġustizzja naturali –

“Bil-kemm għandu jingħad li l-ħtieġa li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jħarsu b’mod skrupoluż it-tħaddim ta’ dawn il-prinċipji hija waħda li m’għandux hemm disposizzjoni espressa tal-liġi sabiex wieħed japplikaha. It-tħaris ta’ dawn il-prinċipji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika għandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-għemil amministrattiv. Għall-kuntrarju n-nuqqas ta’ tħaris ta’ daw il-prinċipji jwassal għall-irritwalità tal-għemejjel hekk imwettqa u għat-tħassir tagħhom.”

Fil-paġ. 196 ta’ **Evans De Smith’s Judicial Review of Administrative Action** (4th Edition) ingħad hekk –

“Natural justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position: (a) to make representations on their own behalf; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held); and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet … In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter”.

Dan il-bran kien ċitat fis-sentenza **“Borg vs l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku”** [op.ċit] u fis-sentenza ta’ din il-Qorti **[PA/RCP]** tas-27 ta’ Jannar, 2011 fil-kawża **“Falzon vs Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent et”.**

Fil-ktieb "**Administrative Law**" **(H.W.R. Wade & C.F. Forsyth** – 10th Edition – pg. 428) kien osservat illi a proper hearing must always include a "fair opportunity" to those who are parties in the controversy for correcting or contradicting anything prejudicial to their view.

Fis-sentenza **"A & J Ta' Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud"** deċiża minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) **(PAK/TM)** fl-14 ta' Ottubru, 2004 [u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali] kien ippreċiżat li "ovvjament, il-prinċipju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bilfors tinstema', iżda li tingħata l-opportunità tressaq il-każ tagħha."

Fil-każ **"L'Alliance des Professeurs Catholiques de Montreal vs Labour Relations Board of Quebec"** (1953) riportat f'The Application of the European Convention Human Rights – J.E.S. Fawcett – Pġa. 148, ingħad illi –

"The principle that no one should be condemned or deprived of his rights without being heard, and above all without having received notice that his rights would be at stake, is of universal equity. Nothing less would be necessary than an express declaration of the legislature to put aside this requirement, which applies to all courts and all bodies called upon to render a decision that might have the effect of annulling a right possessed by an individual."

Fil-**Garner's Administrative Law** (8th Edition – B Jones and K Thompson – Butterworths – 1996) jingħad hekk –

"An issue upon which the courts have failed always to express a consistent view is whether a successful audi alteram partem challenge requires that the court be satisfied that, had the applicant been given the full procedural protection to which he was entitled, the decision taken by the public authority might have been different in substance. Or, alternatively, is there such a thing as a "technical" breach of natural justice, in respect of which the court will grant a remedy in order to uphold procedural rights even though quite satisfied that the decision would have been the same even had the applicant been afforded a fair hearing. The difference between the two possible approaches is a fairly fundamental one, reflecting the different ideas as to the aims of judicial review. Is the purpose of judicial review simply to "police" decisions which may be wrong or bad in substance because of procedural irregularities; or is part of its purpose to prescribe standards of decision-making which it will enforce regardless of whether the end result, when the decision is properly taken, is likely to be different in substance.

In principle there may be some attraction in the idea that the courts should intervene to protect procedural rights without seeking to pre-judge whether the breach of

natural justice was "technical" or "substantial". There are, indeed, statements in some of the cases which lend support to this idea. However, the preponderance of authority seems now to point to the other way. This is perhaps inevitable. In particular, the discretionary nature of the various judicial review remedies, and the natural unwillingness of courts to seem to be acting in vain, combine to deprive of such a remedy the litigant who is perceived to have no chance of eventual substantive success. To an extent the issue becomes purely linguistic. Should one say that a technical breach of natural justice has occurred but that in the exercise of discretion no remedy will be granted? Or should one say that because no substantial prejudice appears to have occurred there has been no breach of natural justice?"

Kien sostna Lord Bridge fil-kawża **"Lloyd vs McMahon"** tal-1987 ċitata f'paġna 335 tal-Judicial Review Handbook (1994) –

"**the so-called rules of natural justice are not engraved on tablets of stone. To use the phrase which better expresses the underlying concept, what the requirements of fairness demand when any body, administrative or judicial, has to make a decision which will affect the rights of individuals depends on the character of the decision-making body, the kind of decision it has to make and the statutory or other framework in which it operates"** (fn. 9 Enfasi tat-Tribunal)

*Illi dan it-Tribunal huwa konxju illi fil-passat ippronunzja ruħhu dwar il-prinċipju tal-* audi alteram partem *għal dak li jirrigwarda diversi applikazzjonijiet li jiġu sottomessi quddiem l-Awtorità. F'dawk id-deċiżjonijiet it-Tribunal kien tal-fehma illi meta wieħed jissottometti applikazzjoni mal-Awtorità huwa għandu kull opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu mal-istess applikazzjoni u l-Awtorità ma għandha ebda obbligu li tagħti xi smigħ ulterjuri lill-applikanti. Madanakollu l-każ preżenti huwa differenti minn meta wieħed jissottometti applikazzjoni biex pereżempju jitlob li jpoġġi mwejjed u siġġijiet fuq barra ta' xi stabbiliment jew inkella fejn wieħed jitlob li art pubblika toħroġ b'sejħa għall-offerti.*

*Fil-każ odjern għandek Kunsill Lokali li jgawdi minn kirja favur tiegħu ta' Ġnien pubbliku. Filwaqt li hu minnu li skont klawsola 2 tal-kuntratt ta' kiri, il-Gvern jista' jieħu lura l-istess art jew parti minnha jekk ikollu bżonnha, dan ma jfissirx li jista' jagħmlu mingħajr ma jinforma b'mod adegwat favur min tkun ingħatat l-istess konċessjoni. Filwaqt li l-Awtorità tisħaq illi l-Kunsill kien ilu jaf li l-pompa tal-petrol kienet se tiġi rilokata, ma jirriżultax illi l-istess Awtorità qatt daħlet f'xi diskussjoni mal-Kunsill dwar dan il-fatt. It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Kunsill kien jaf li kien hemm proposta din ir-rilokazzjoni anke għaliex mill-minuti tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju, 2021 jirriżulta li ġie rilevat is-segwenti:*

"31.2.4 **Is-Sindku kompla jispjega kif il-Kunsill għandu Kuntratt tad-Devoluzzjoni tal-Ġnien, li sar fis-sena 2000, li jgħid li l-Lands jista' jieħu lura parti jew il-Ġnien kollu fuq notifika ta' tliet xhur. Dan bħal ma jista' jiġri fil-kas tal-pompa, fejn tista' tittieħed area ta' madwar disa' mija u tletin metru kwadru (930m$^2$). Is-Sindku spjega li skont il-kuntratt tal-Lands tista' tieħu lura l-Ġnien jew partijiet minnu u tgħaddieh skont il-proċedura lil ħaddieħor."** *(fn. 10 a fol. 554)*

*Illi għalhekk jirriżulta ċar illi l-Kunsill kien konxju tal-possibilità li dak komunikat lilu fid-deċiżjoni appellata seta' jsir. Però l-kwistjoni hija oħra. Il-kwistjoni hija jekk l-Awtorità kellhiex tal-inqas tagħti opportunità lill-Kunsill jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu qabel ma tasal għad-deċiżjoni tagħha. Fil-fehma tat-Tribunal dan kellu jsir anke sabiex l-Awtorità tkun f'pożizzjoni aħjar li taqdi d-doveri legali tagħha. Dan ma jfissirx illi l-Kunsill neċessarjament irid jingħata smigħ fiżiku imma jistgħu jsiru anke sottomissjonijiet bil-miktub. Imma tal-anqas, tenut kont, tal-materja in eżami, l-Kunsill, li f'idejh hi afdata l-amministrazzjoni tal-istess Ġnien kellu dritt isemma' leħnu mal-Awtorità. Illi għaldaqstant it-Tribunal iqis li l-Awtorità naqset milli tħares il-prinċipju tal-*audi alteram partem *qabel ma waslet għad-deċiżjoni tagħha.*

*Illi permezz tal-ewwel aggravju l-Kunsill jisħaq ukoll li huwa ma ngħatax opportunità tad-dritt tal-ewwel rifjut sabiex jagħmel offerta għall-kirja tal-Ġnien kollu. Illi t-Tribunal iqis li dan l-aggravju huwa wieħed fieragħ stante li d-dritt tal-ewwel rifjut jiskatta wara li l-Awtorità toħroġ art pubblika b'sejħa għall-offerti. Lit-Tribunal ma jirriżultalux illi l-Awtorità ħarġet xi sejħa għall-offerti u kwindi ma skatta ebda dritt tal-ewwel rifjut.*

*Illi permezz tat-tieni aggravju l-Kunsill jilmenta illi d-deċiżjoni appellata mhix motivata u dan imur kontra l-prinċipju ta' ġustizzja naturali tad-*duty to give reasons. *Min-naħa tagħha l-Awtorità intimata saħqet illi d-deċiżjoni appellata kienet motivata u dan stante li ġiet ċitata klawsola 2 tal-kuntratt ta' kiri bejn il-partijiet.*

*Illi għal darb'oħra t-Tribunal isib li l-Kunsill għandu raġun f'dan l-aggravju. Illi filwaqt li kif ingħad hawn fuq, klawsola 2 tal-kuntratt bejn il-partijiet jagħmilha ċara illi l-Gvern jista' jxolji l-kirja jew parti mill-kirja jekk ikollu bżonn l-art in kwistjoni, dan ma jfissirx illi m'għandu ebda obbligu jagħti raġuni xierqa għal tali terminazzjoni.*

*It-Tribunal jagħmel referenza għal dak espost mill-awturi Wade & Forsyth fil-ktieb* ***Administrative Law*** *u fil-fehma tat-Tribunal jgħodd ukoll għad-Dritt Amministrattiv nostrali, u ċioe:* the principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisons. (fn. 11 R. V. Home Secretary ex p. Doody [1994] 1 AC 531 at 564E (the law does not at present recognise a general duty to give reasons for administrative decisions' (emphasis added). No general duty has

developed since ex p. Doody: R. V. Minister of Defence ex p. Murray [1998] COD 134) Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and errors of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for it, since the giving of reasons is required by the ordinary man's sense of justice. It is also a healthy discipline for all who exercise power over others. "No single factor has inhibited the development of English administrative law as seriously as the absence of any general obligation upon public authorities to give reasons for their decisions. *(fn. 12 Administration under Law (a JUSTICE booklet), 23)*

*…*

Notwithstanding that there is no general rule requiring the giving of reasons, (fn. 13 – The suggestion, in R. V. Lameth LBC ex p. Walters [1994] 26 HLR 170, that there was such a duty has been disapproved twice by the Court of Appeal (R. v. Kensington and Chelsea Royal LBC ex p. Grillo (1996) 28 HLR 94 and R. v. Home Secretary ex p. Duggan [1994] 3 All ER 277). Judges, but not magistrates, are under a general duty to give reasons. Flannery v. Halifax Estate Agencies Ltd (2000) 1 WLR 377 at 381) it is increasingly clear that there are many circumstances in which an administrative authority which fails to give reasons will be found to have acted unlawfully. The House of Lords has recognised "a perceptible trend towards an insistence on greater openness ... or transparency in the making of administrative decisions" (fn. 14 Ex p. Doody (above)) and consequently has held that where, in the context of the case, it is unfair not to give reasons, they must be given. (fn. 15 Moreover, the authority seeking not to give reasons must show that the procedure is not unfair: ex p. Doody at 561A)

... an important consideration underlying the extension of the duty to give reasons, referred to in many cases, is that in the absence of reasons the person affected may be unable to judge whether there has been "a justiciable flaw in the [decision making] process"; (fn. 16 ex p. Institute of Dental Surgery at 256 approved in x p. Matson at 776 and ex p. Murray at 136. And in ex p. Doody (above) Lord Mustill said (at 565 "To mount an effective attack on the decision ... [the person affected] has [in the absence of reasons] virtually no means of ascertaining whether … the decision-making process has gone astray". See also R. V. Inland Revenue Commissioners ex p. Coombe & Co.

(1989( 2 Admn. LR 1 (order quashed since Court cannot perform its review function in absence of reasons), and thus, whether an appeal, if available, should be instituted or an application for judicial review made. Since today there are few exercises of governmental power which are not subject to judicial review, it will be rare that a person affected by a decision – for which reasons were not given – will not be able to say that the absence of reasons has denied him effective recourse to judicial review. A general duty to give reasons is latent in this argument, and the courts seem willing to see sufficient weight given to it to enable such a duty to develop. (fn. 17 Significantly, Lord Neill, for long a proponent of a general statutory duty to give reasons, now favours continued judicial development (in 'Duty to Give Reasons' in Forsyth and Hare (eds.), The Glden Metwand and the Crooked Cord (1998), 183)
...
The time has now surely come for the court to acknowledge that there is a general rule that reasons should be given for decisions, based on the principle of fairness which permeates administrative law, subject only to specific exceptions to be identified as cases arise. Such a rule should not be unduly onerous, since reasons need never be more elaborate than the nature of the case admits, but the presumption should be in favour of giving reasons, rather than, as at present, in favour of withholding them." (fn. 18 Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 436 sa 439)

*F'dan il-kuntest it-Tribunal jagħmel referenza għal deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Repubblika tal-Irlanda fil-każ fl-ismijiet **Ghandi Nawaf Mallak vs The Minister for Justice, Equality and Law Reform** deċiża fis-6 ta' Diċembru, 2012, fejn ġie rilevat is-segwenti:*

40. The Minister refused to give any reasons for refusing the application for a certificate of naturalisation in this case. The reports record many judicial statements to the effect that there is no general or universal rule of natural justice requiring the makers of administrative decisions to give their reasons. On the other hand, there is no shortage of cases in which decisions have been held to be defective for failure to give them. That is the problem here.

41. Before grappling with that issue, I would like to address two points which are at the forefront of the Minister's submissions and which have recurred in several of the High Court decisions including that in the present case, as grounds for dispensing with the need to give reasons. Firstly, it is said that, where a decision is to be made in the absolute discretion of the decision-maker, it follows necessarily, meaning that it is a simple corollary of that fact, that no reason need be given for it. Secondly, it is argued

that the same result flows from the fact that the grant to a non-national of a certificate of naturalisation is a matter of benefit or privilege rather than of right.

42. Where the decision being made is one which depends on the exercise of the "absolute discretion", of the decision-maker, according to the first argument, it follows automatically from the very language used that no reason need be given. As it was put by the learned High Court judge in the present case, "quite literally ... the Minister does not need to have or to give any reason for refusing an application for a certificate." But there is a difference between having a reason and disclosing it.

43. It cannot be correct to say that the "absolute discretion" conferred on the Minister necessarily implies or implies at all that he is not obliged to have a reason. That would be the very definition of arbitrary power. Leaving aside entirely the question of the discloure of reasons to an affected person, it seems to me axiomatic that the rule of law requires all decision-makers to act fairly and rationally, meaning that they must not make decisions without reasons. As Henchy J put it, in a celebrated passage in his judgment in State (Keegan) v. Stardust Victims' Compensation Tribunal (1986) I.R. 642 at page 658, "the necessarily implied constitutional limitation of jurisdiction in all decision-making which affects rights or duties requires, inter alia, that the decision-maker must not flagrantly reject or disregard fundamental reasons or common sense in reaching his decision."

44. In a similar vein but with slightly different emphasis, Walsh J., in his judgment in East Donegal Co-Operative Mart v Attorney General (1970) I.R. 317 at 343-4 said of the powers conferred on a Minister, under construction in that case, which were exercisable "at his discretion" or "as he shall think proper" or "if he so thinks fit" are powers which may be exercised only within the boundaries of the stated objects of the Act; they are powers which cast upon the Minister the duty of acting fairly and judicially in accordance with the principles of constitutional justice, and they do not give him an absolute or an unqualified or an arbitrary power to grant or refuse at his will."

45. The fact that a power is to be exercised in the "absolute discretion" of the decision-maker may well be relevant to the extent of the power of the court to review it. In that sense, it would appear potentially relevant principally to questions of the reasonableness of decisions. It could scarcely ever justify a decision-maker in exceeding the limits of his powers under the legislation, in particular, by taking account of a legally irrelevant consideration. It does not follow from the fact that a decision is made at the absolute discretion of the decision-maker, here the Minister, that he has no reason for making it, since that would be to permit him to exercise it

arbitrarily or capriciously. Once it is accepted that there must be a reason for a decision, the characterisation of the Minister's discretion as absolute provides no justification for the suggestion that he is dispensed from observance of such requirements of the rules of natural and constitutional justice as would otherwise apply. In this connection I agree with the following remarks of Hogan J., regarding the provision under consideration in this case, in his judgment in Hussain v. Minister for Justice (2011) IEHC 171; "This description nevertheless cannot mean, for example, that the Minister is freed from the obligations of adherence to the rule of law, which is the very "cornerstone of the Irish legal system"; Maguire v. Ardagh (2002) 1 I.R. 385 at 567, per Hardiman J. Nor can these words mean that the Miinister is free to act in an autocratic and arbitrary fashion, since this would not only be inconsistent with the rule of law, but it would be at odds with the guarantee of democratic government contained in Article 5 of the Constitution."

46. So far as the second issue is concerned, it can be accepted that the grant or refusal of a certificate of naturalisation is, at least in one sense, a matter of privilege rather than of right. The appellant is not a person who, by reason of birth in Ireland or by reference to his parentage is entitled, as a matter of right, to Irish citizenship. In the words of s. 14 of the Act, he is a non-national and the grant of the status of citizen upon him is within the discretion of the State. Costello J. said in Pok Sun Shum v. Ireland, cited above, regarding the applicant in that case, that it was relevant to bear in mind that "the Minister was conferring a benefit or privilege on the applicant ..." That was undoubtedly a major reason for his conclusion that there was no obligation to give reasons. On the other hand, the learned judge was quite clear in stating that the applicant had a right to apply to the court for judicial review. Bearing in mind that the appellant is a non-national, it is instructive to recall the remarks of Keane C.J. concerning the rights of access to the courts of non-citizens, when delivering the opinion of this Court In the Matter of Article 26 of the Constitution and in the Matter of ss.5 and 10 of the Illegal Immigrants (Trafficking) Bill, 1999 (2000) 2 I.R. 360 at page 385: "It would be contrary to the very notion of a state founded on the rule of law, as this State is, and one in which, pursuant to Article 34 justice is administered in courts established by law, if all persons within this jurisdiction, including non-nationals, did not, in principle, have a constitutionally protected right of access to the courts to enforce their legal rights ... It may be that in certain circumstances a right of access to the courts of non-nationals may be subject to conditions or limitations which would not apply to citizens. However, where the State or State authorities, make decisions which are legally binding on, and addressed directly to, a particular individual, within the jurisdiction, whether a citizen or a non-national, such decisions must be taken in accordance with the law and the constitution. It follows that the

individual legally bound by such a decision must have access to the courts to challenge its validity. Otherwise the obligation on the State to act lawfully and constitutionally would be ineffective."

47. The mere fact that a person in the position of the appellant is seeking access to a privilege does not affect the extent of his right to have his application considered in accordance with law or to apply to the courts for redress. The Act of 1956 establishes a legal procedure permitting non-nationals, subject to compliance with a number of conditions, to apply for certificates of naturalisation. The appellant enjoys the status of a refugee, because he has been declared so by the Minister. By virtue of s. 3 of the Refugee Act, 1996, he enjoys a number of specific legal rights, including the right to reside in and travel to and from the State. Specifically, he has the right of "access to the courts in the like manner and to the like extent in all respects as an Irish citizen". (s. 3(2)(v). Relevantly, for the purposes of his case, he enjoys the legal right to apply for a certificate of naturalisation. Article 34 of the Geneva Convention (see par. 16 above) would appear to encourage contracting States to grant naturalisation to those to whom they have granted refugee status. It is not contested that the Minister is obliged, in processing such applications, to act in accordance with the law. The Minister accepts that, in principle, his decisions are open to review and, in certain circumstances, applications for review have been successful in the High Court. A distinction has been made in some of the cases, so far as the power of review is concerned, between cases where the Minister finds that an applicant has failed to comply with one of the statutory conditions in s. 15(1) and what might be called his more general "absolute discretion".

*Illi dan it-Tribunal jagħmel referenza wkoll għas-sentenza **Rita Vella vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili per Onor. Imħallef Joseph R. Micallef u kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022:*

Illi illum il-ġurnata huwa stabbilit li biex jitqies li l-awtorità tkun qdiet il-funzjoni tagħha tajjeb, huwa mistenni li dik l-Awtorità tgħid lill-persuna mhux biss x'kienu r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni li l-istess awtorità tkun ħadet fil-konfront tagħha (fn. 19 T.R.A. GV 24.1.2013 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Camilleri vs Kummissarju tat-Taxxi Interni), iżda wkoll li l-persuna tingħata l-opportunità illi ssemma' leħenha (fn. 20 PA 29. 11.2011 JZM fil-kawża fl-ismijiet Carmel D'Amato et vs l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta), u f'każ fejn dik il-persuna ma tkunx taf x'inhuma r-raġunijiet li wasslu lill-awtorità toħroġ l-ordni fil-konfront tagħha, l-awtorità għandha tagħti lil dik il-persuna l-opportunità xierqa li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha. (fn. 21 App. Ċiv. 28.6.2013 fil-kawża fl-ismijiet Boris Arcidiacono et vs Salvu Schembri et)

*Illi wara li t-Tribunal ħa dan kollu in konsiderazzjoni huwa tal-fehma illi l-Awtorità ma tatx raġunijiet suffiċjenti għad-deċiżjoni meħuda minnha. Illi kif ġie sottomess fit-trattazzjoni orali, u anke ġie ppruvat bil-minuti esebiti, il-Kunsill kien ġie rinfaċċjat b'rikjesta oħra għat-teħid ta' biċċa mill-Ġnien għall-proġett ieħor apparti dak tal-pompa tal-petrol. Kwindi l-Kunsill kellu dritt ikun jaf ir-raġuni wara t-terminazzjoni ta' parti mill-kirja. Kwindi t-tieni aggravju qiegħed jiġi milqugħ.*

*Illi jonqos li jiġi trattat it-tielet aggravju, u ċioe li l-Awtorità naqset mill-obbligi tagħha li tamministra l-proprjetà pubblika bl-aħjar mod u waslet għad-deċiżjoni tagħha abbażi ta' konsiderazzjonijiet irrelevanti, arbitrarji u mhux xierqa. Illi l-Kunsill isosnti li l-Awtorità ma ħaditx in konsiderazzjoni li l-Ġnien in kwistjoni huwa l-uniku post miftuħ fil-lokalità tal-Gżira. Di più, is-Sindku Conrad Borg Manche ippreżenta studju li kkummissjona l-Kunsill fejn sar assessjar tal-*benzene concentrations *fil-viċinanza ta' Manuel Island Fuel Stations.*

*Illi f'dan l-istadju t-Tribunal iħoss li dan l-aħħar aggravju huwa wieħed intempestiv. Dan għaliex jikkonfliġġi mal-ewwel żewġ aggravji stante li ladarba l-Kunsill sostna li ma ngħatax smigħ u ma kienx jaf ir-raġunijiet wara d-deċiżjoni appellata, allura ma jistax iħossu aggravat mir-raġunijiet li sawru d-deċiżjoni appellata, u dan sempliċement għaliex ma setax a priori kien jaf x'kienu l-konsiderazzjonijiet li l-Awtorità ħadet qabel waslet għad-deċiżjoni appellata. Kien biss fil-kors ta' dawn il-proċeduri li ntefa' dawl dwar kif l-Awtorità waslet għad-deċiżjoni tagħha. Siccome dan it-Tribunal se jiddikjara d-deċiżjoni tal-Awtorità bħala waħda irrita u nulla, iħoss li jkun għaqli li jħalli impreġudikata l-materja dwar jekk l-istess deċiżjoni kinitx waħda bażata fuq konsiderazzjonijiet irrelevanti, arbitrarji u/jew mhux xierqa. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi fl-aħħar nett dan it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza ġia ċitata aktar 'il fuq* ***Midi plc (C 15836) vs Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta*** *fejn intqal hekk:*

40. Irid ukoll jiġi rilevat li l-prinċipji ta' Ġustizzja Naturali huma imprexxendibbli fis-sens li, l-Qorti lanqas ma tista' tidħol fl-argument jekk xorta kienx jintlaħaq l-istess riżultat anke kieku ma ġewx osservati dawn il-prinċipji. **Lord Wright**, fil-kawża Ingliża, **General Medical Council v. Spackman, deċiża mill-House of Lords fl-1943**, osserva hekk dwar dan il-punt: - "If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision."

***DECIDE***

*Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, qiegħed jilqa' l-ewwel żewġ aggravji tal-Kunsill rikorrent filwaqt li jiċħad it-tielet aggravju u konsegwentement jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata sa fejn dawn huma kompatibbli ma' dak hawn fuq deċiż. Kwindi t-Tribunal qiegħed jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata datata 11 ta' April, 2022, annessa bħala Dokument 2 mar-rikors promutur.*

*Spejjeż a karigu tal-Awtorità intimata."*

## <u>L-Appell</u>

19. Permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-18 ta' Novembru, 2022, l-Awtorità intimata appellat mis-sentenza tat-Tribunal, fejn talbet lil din il-Qorti tibdel is-sentenza appellata b'mod li l-appell li l-Kunsill Lokali tal-Gżira ressaq quddiem it-Tribunal jiġi miċħud fit-totalità tiegħu, sabiex b'hekk jiġi kkonfermat il-kontenut tal-ittra tal-Awtorità appellanta tal-11 ta' April, 2022, fejn infurmat lill-Kunsill appellat li kienet qed teżerċita d-dritt tagħha li tiskatta il-kundizzjoni numru 2 tal-kuntratt bejn il-partijiet fir-rigward ta' parti mill-Ġnien.

20. L-appellanta tgħid li t-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet inizjali tiegħu, spjega li il-Kunsill Lokali appellat għandu l-kirja tal-Ġnien pubbliku amministrat minnhu, imma bil-kundizzjoni li jekk il-Gvern ikun jeħtieġ dan il-Ġnien lura, jew parti minnhu, il-Kunsill Lokali jkun obbligat jirrilaxxa din l-art fi żmien xahar minn meta jirċievi notifika bil-miktub biex jagħmel dan. L-appellanta qalet li dan huwa l-ftehim li ntrabtu bih sid l-art fuq naħa waħda, u l-inkwilin fuq in-naħa l-oħra. Qalet li t-Tribunal flok ma sab li l-każ imressaq quddiemu jikkonċerna purament it-tħaddim tal-imsemmija klawsola partikolari li l-kontraenti deliberatament u volontarjament qablu dwarha, eżorbita mill-kompetenza

tiegħu bħala Tribunal u wasal għall-konklużjoni li n-notifika tal-Awtorità appellanta lill-Kunsill appellat tammonta għal 'deċiżjoni tal-Awtorità' skont l-artikolu 57 tal-Kap. 563, li fiha "ordni ... *ai termini* tal-Kap. 490" sindakabbli minnu bis-saħħa tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. L-appellanta qalet li dan ġie deċiż meta aktar tard fis-sentenza tiegħu t-Tribunal stqarr li dan mhux każ ta' deċiżjoni bħal meta wieħed jitlob li jpoġġi mwejjed u siġġijiet fuq barra ta' stabbiliment, jew każ fejn wieħed jitlob li art pubblika toħroġ b'sejħa għall-offerti, fejn l-applikant għandu jingħata l-opportunità jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu flimkien mal-applikazzjoni.

21. L-appellanta qalet li t-Tribunal naqas milli jispjega x'tip ta' deċiżjoni taqa' taħt il-kundizzjoni numru 2 tal-ftehim, u qalet li għar-rabta kuntrattwali bejn il-partijiet, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 992 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u din ma ssarrafx f'deċiżjoni amministrattiva taħt il-Kap. 563. Qalet ukoll li l-eżerċizzju tal-jedd kuntrattwali tal-Awtorità appellanta u l-ħarsien tal-obbligu li l-Kunsill Lokali appellat intrabat bih, skont il-kundizzjoni numru 2 tal-kuntratt, ma setgħu qatt jitqiesu bħala att amministrattiv kif imfisser fl-artikolu 2 tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li bid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal ma qiesx li l-każ odjern jittratta t-tħaddim ta' klawsola kontrattwali bejn il-partijiet kontraenti, li għalih jgħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 992 tal-Kap. 16 u l-prinċipji minn hemmhekk imnissla, iżda bħala wieħed li jaqa' taħt il-Kap. 563, u tali deċiżjoni hija waħda kontradittorja, u tammonta għal żball manifest ta' liġi.

22. Fit-tieni aggravju tagħha l-appellanta qalet li t-Tribunal żbalja meta wasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-preġudizzjali preliminari mressqa mill-Awtorità

appellanta, u dan l-iżball ġie amplifikat bil-konklużjonijiet li t-Tribunal wasal għalihom dwar l-ewwel aggravju mressaq mill-Kunsill appellat, fejn it-Tribunal żnatura l-prinċipji tal-*pacta sunt servanda* u *contra scriptum non est argumentum,* liema prinċipji huma inkorporati fl-artikolu 992 *et seq.* u l-artikolu 1002 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellanta qalet li l-prinċipji li l-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom is-saħħa ta' liġi għal dawk li jagħmluhom, u meta l-kliem fi klawsola kuntrattwali jittieħed fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, huwa ċar, m'hemmx lok għal interpretazzjoni. Qalet li patt miftiehem fi skrittura ma jistax jiġi varjat bil-volontà unilaterali ta' parti waħda biss mill-kontraenti, u x-xejra tar-relazzjoni kuntrattwali li tnisslet mill-iskruttura tat-8 ta' Marzu, 2000 bejn l-Awtorità appellanta fuq naħa, u l-Kunsill Lokali appellat fuq in-naħa l-oħra, m'hija xejn differenti minn dik li titnissel bejn sid u inkwilin ieħor fuq kull kuntratt ta' kirja. Qalet li m'hemm xejn fil-liġi li jpoġġi lill-Awtorità appellata f'qagħda differenti, jew jitfa' fuqha rabtiet differenti, addizzjonali jew li jmorru lil hinn minn dawk li joħorġu mit-termini u l-kundizzjonijiet ċari tal-kuntratt, li l-appellata bħala sid tkun ftehmet dwarhom mal-inkwilin bir-rieda u bi qbil miegħu. Qalet ukoll li ma jistax ikun mod ieħor, għaliex inkella l-klawsoli f'kirja jispiċċaw mingħajr tifsira u jkunu jiswew b'mod selettiv safejn dawn ikunu favorevoli għall-inkwilin. Qalet li dan ikun preċedent serju u perikoluż, għaliex bir-raġunament tat-Tribunal, kull fejn, f'kuntratt ta' din ix-xorta l-Awtorità tiġi biex teżerċita jedd espressament riservat favur tagħha, li jkun maqbul mal-inkwilin, minflok timxi skont it-termini u l-parametri tal-kuntratt, din taġixxi daqs li kieku qegħda tiddeċiedi f'qafas kontradittorju, fejn saħansitra l-inkwilin jingħata l-opportunità jfisser għaliex dan jagħżel li ma

jħarisx l-obbligu li kuntrattwalment ikun intrabat bih, u dan meta l-kuntratt ma jipprospettax dan.

23. L-appellanta qalet li għalhekk ir-rabta kuntrattwali bejn il-partijiet imnissla mnn din il-kirja ma tistax tiġi varjata unilateralment minn xi waħda mill-partijiet kontraenti. Qalet ukoll li bil-konsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet li wasal għalihom it-Tribunal fir-rigward tal-ewwel aggravju mressaq mill-Kunsill appellat, it-Tribunal ġie li huwa nnifsu varja u mmodifika t-termini u l-kundizzjonijiet tal-iskrittura tal-kirja mertu ta' dan l-appell. Qalet li t-Tribunal bidel sostanzjalment dak li ġie volontarjament pattwit bejn il-partijiet fil-klawsola numru 2 tal-kuntratt, u għamel dan mingħajr ir-rieda tal-partijiet kontraenti, bir-riżultat li ħoloq ċirkostanzi mhux ikkontemplati fil-kuntratt, fejn 'iġġustifika' l-imġiba tal-Kunsill appellat li rrifjuta li jħares l-obbligi li ntrabat bihom. Qalet li għalhekk it-Tribunal irratifika l-imġiba tal-Kunsill, li ssarraf fi ksur ċar ta' dak li ftehmu bejniethom il-partijiet. L-appellanta qalet li t-Tribunal irrikonoxxa li l-Awtorità tal-Artijiet tista' tieħu lura l-art jew parti minnha f'każ li jkollha bżonnha, u l-Awtorità tista' tagħmel dan wara li tkun għarrfet u avżat lill-inkwilin li l-art hija meħtieġa minnha u għandha tingħata lura lilha. Qalet li din hija l-unika kundizzjoni li huwa suġġett għaliha l-ftehim bejn il-partijiet, u min-naħa tagħha hija mxiet mal-obbligu tagħha billi nnotifikat lill-Kunsill bil-miktub permezz ta' ittra tal-11 ta' April, 2022, li parti mill-Ġnien kienet meħtieġa lura.

24. L-appellanta qalet li t-Tribunal ma waqafx hawn, iżda kompla jgħid li l-Awtorità qatt ma daħlet fi ftehim mal-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni tal-pompa tal-*petrol,* u dan meta l-Awtorità ma kellha ebda obbligu tagħmel dan skont il-

ftehim. Qalet li l-jedd tar-ripreża tal-art miftiehem u maqbul bejn il-kontraenti, jew l-eżerċizzju ta' dan il-jedd, bl-ebda mod m'huwa ċirkoskritt jew kwalifikat bil-kundizzjoni li l-Awtorità appellanta, qabel ma titlob l-art, għandha tidħol f'taħdidiet mal-Kunsill dwar l-għanijiet li għalihom l-art hija meħtieġa lura, u lanqas il-Kunsill m'għandu jedd li jekk ma jaqbilx ma' dawn l-għanijiet, jirrifjuta li jċedi l-art. Qalet li dawn huma varjazzjonijiet u modifiki li ħareġ bihom it-Tribunal fir-rigward ta' dak li ġie volontarjament miftiehem bejn il-partijiet. L-appellanta qalet li t-Tribunal żied fuq il-konsiderazzjonijiet ħżiena tiegħu billi kompla jvarja u jwessa' l-parametri tal-kundizzjoni numru 2 tal-kuntratt u ħoloq kundizzjonijiet u rabtiet ġodda għall-Awtorità appellanta, li jmorru lil hinn minn dak li ġie miftiehem bejn il-partijiet. Żiedet tgħid li hija la għandha għalfejn tagħti widen lill-Kunsill, u dan tal-aħħar lanqas m'għandu għalfejn isemma' leħnu, fejn l-Awtorità teżerċita l-jedd li tirriprendi l-art. Qalet li dak li ġie miftiehem bejn il-partijiet ma jistax jiġi varjat bil-volontà ta' waħda biss mill-partijiet, u lanqas t-Tribunal ma jista' jagħmel dan.

25. Fit-tielet aggravju tagħha l-Awtorità appellanta qalet li t-Tribunal żbalja wkoll meta ddeċieda dwar it-tieni aggravju mqanqal quddiemu mill-Kunsill appellat. Qalet li filwaqt li t-Tribunal għamilha ċara li l-Gvern jista' jxolji l-kirja jew parti mill-kirja jekk ikollu bżonn l-art in kwistjoni, kompla biex b'mod żbaljat ħoloq kundizzjonijiet ġodda dwar l-imsemija klawsola, sabiex huwa stess spiċċa żnatura dak li qablu dwaru l-partijiet, meta ddeċieda li l-Awtorità appellanta kellha tagħti raġuni xierqa għat-terminazzjoni tal-kirja ta' parti mill-Ġnien. L-appellanta qalet li biex iżid fuq il-konsiderazzjonijiet żbaljati tiegħu, it-Tribunal rabat il-konsiderazzjonijiet tiegħu ma' tagħlim, kemm akkademiku kif ukoll ġurisprudenzjali, li jittratta deċiżjonijiet amministrattivi li jittieħdu f'qafas

kontradittorju. Qalet li l-eżerċizzju ta' jedd pattwit fi klawsola ċara ta' kuntratt ma jsarrafx fit-teħid ta' deċiżjoni fejn jgħodd il-prinċipju tal-*audi alteram partem.* L-appellanta qalet li f'deċiżjonijiet li jikkonċernaw it-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem xi stabbiliment, it-Tribunal dejjem wasal għall-konklużjoni li m'għandux għaliex jingħata smigħ ulterjuri għaliex l-applikant ikun diġà ngħata l-opportunità li jagħmel kwalunkwe konsiderazzjoni li jidhirlu li hija xierqa mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni tiegħu. L-appellanta qalet li dak li ftehmu dwaru l-partijiet fil-kuntratt, jagħmel liġi bejniethom, u dan ma jistax snin wara jiġi varjat unilateralment minn parti jew oħra, jew mit-Tribunal.

26. Ir-raba' aggravju tal-appellanta huwa li anki fejn it-Tribunal ikkonkluda li hija ma mxietx mal-obbligu li tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha, it-Tribunal kien għal kollox żbaljat *ab initio.* Qalet li t-Tribunal kien skorrett meta minflok iddeċieda li ġiet skattata klawsola fil-kuntratt ta' kera, iddeċieda li kien hemm deċiżjoni amministrattiva. Qalet li hawn id-*duty to give reasons* ma tgħoddx għaliex din mhijiex deċiżjoni amministrattiva u m'hemm xejn li jorbot lill-Awtorità jew lill-Kunsill Lokali jagħtu raġuni għat-terminazzjoni ta' parti mill-kirja.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

27. Fir-risposta tiegħu l-Kunsill Lokali appellat wieġeb li huwa jirrappreżenta lir-residenti tal-lokalità tal-Gżira, liema lokalità qegħda ssir dejjem aktar kummerċjalizzata u fejn l-iżvilupp bla rażan wassal għal nuqqas ta' spazji miftuħa għall-benefiċċju tar-residenti. Qal li l-uniku spazju miftuħ u aħdar fil-lokalità tal-Gżira huwa l-Ġnien tal-Kunsill tal-Ewropa, liema Ġnien ilu li ġie

devolut lill-Kunsill appellat mit-8 ta' Marzu, 2000 permezz ta' ftehim bejn il-partijiet. Qal li huwa dejjem ħallas il-kera skont il-ftehim viġenti, u għamel manutenzjoni u saħansitra ħejja pjanijiet biex il-Ġnien jittejjeb u jissebbaħ għall-benefiċċju tal-komunità u tar-residenti.

28. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li kien il-Kap Eżekuttiv tal-appellanta stess li fix-xhieda tiegħu qal li l-ittra li ntbagħtet lill-Kunsill appellat kienet komunika ta' deċiżjoni tal-appellanta. Qalet li l-istess Robert Vella, fix-xhieda tiegħu tas-17 ta' Ottubru, 2022 uża l-kelma 'deċiżjoni' diversi drabi. L-appellat qal ukoll li apparti din l-ammissjoni, l-ordni ta' terminazzjoni ta' parti mill-kirja hija 'ordni' li tidħol fid-definizzjoni ta' 'att amministrattiv' skont il-Kap. 490. Qal li skont l-artikolu 7 tal-Kap. 490 it-Tribunal għandu kompetenza jirrevedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt. Qal ukoll li l-artikolu 57 tal-Kap. 563 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li t-Tribunal għandu kompetenza jisma' u jiddetermina l-oġġezzjonijiet magħmula minn xi persuna li tkun aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità, u l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità tal-Artijiet. Qal li ma jagħmel l-ebda sens li l-appellanta tgħid li l-ittra ntbagħtet biss fil-kuntest tat-tħaddim ta' klawsola kuntrattwali, u kif jirriżulta mill-atti kien hemm deċiżjoni tal-appellanta li kellha tħalli effett fuq l-appellat u fuq il-mod kif dan jamministra l-Ġnien pubbliku in kwistjoni. L-appellat qal li d-deċiżjoni tal-Awtorità kienet ser tibdel il-pożizzjoni tal-Kunsill u għalhekk tikkonsisti f'għemil amministrattiv sindakabbli mit-Tribunal. L-appellat saħaq li minkejja li l-appellanta tipprova targumenta li fost l-atti amministrattivi m'għandux ikun hemm skritturi fejn l-awtorità pubblika tkun parti kontraenti fl-iskrittura, il-

Qrati tagħna jirrikonoxxu l-fatt li jista' jkun hemm stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv f'dawn iċ-ċirkostanzi, u għalhekk it-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu.

29. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-apellat qal li skont l-Awtorità appellanta, il-fatt li t-Tribunal iddeċieda li l-appellanta kellha l-obbligu li tosserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, jiġifieri li tagħti raġunijiet xierqa għad-deċiżjoni tagħha u li tirrikonoxxi l-prinċipju tal-*audi alteram partem,* qiegħed jiġi interpretat bħallikieku t-Tribunal żnatura l-ftehim bejn il-partijiet għaliex il-ftehim ma jsemmix il-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Qal li l-fatt li kien hemm ftehim bejn il-partijiet, ma jfissirx li l-appellanta ġiet eżentata mill-obbligu li tħares u tirrispetta l-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Il-Kunsill appellat iċċita deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna sabiex juri li l-għemil amministrattiv tal-Awtorità apellanta huwa sindakabbli, anki meta l-entità involuta ma tkunx entità ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja.

30. B'riferiment għat-tielet aggravju sollevat mill-appellanta, l-appellat qal li mill-provi jirriżulta li l-appellanta ma tatx raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. Qal li l-Kunsill ġie ffaċċjat b'deċiżjoni biex tittieħed parti konsiderevoli mill-Ġnien mingħajr ma ngħata raġuni għal dan, u mingħajr ma tħalla jagħmel s-sottomissjonijiet tiegħu dwar din il-kwistjoni tant importanti għal-lokalità. Qal ukoll li l-appellanta naqset milli tirrispetta l-prinċipji ta' ġustizzja naturali li jingħataw raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha, u dak tal-*audi alteram partem.*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

31. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-Awtorità appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fis-sentenza tiegħu, u tas-sottomissjonijiet ippreżentati mill-Kunsill appellat. L-appellanta sostanzjalment qegħda tikkontendi li t-Tribunal ma kellu jimponi fuqha l-ebda obbligu li jmur oltre dak li strettament qablu dwaru l-partijiet fl-iskrittura li permezz tagħha l-Ġnien mertu ta' dawn il-proċeduri ġie devolut lill-Kunsill Lokali appellat. Din il-kwistjoni bejn il-partijiet qamet meta l-Awtorità appellanta, bagħtet ittra lill-Kunsill appellat sabiex tittermina l-kirja ta' parti sostanzjali mill-Ġnien ta' 902 metri kwadri. Minkejja li l-Awtorità appellanta ma tat l-ebda raġuni għad-deċiżjoni tagħha, ir-raġuni għat-terminazzjoni ta' parti mill-kirja ġejja mill-fatt li lura fis-snin disgħin kien hemm prospettat proġett ta' twessigħ tat-triq prinċipali, u l-ġestitur tal-pompa tal-*petrol* li tinsab mal-ġenb tat-triq fil-Promenade tal-Gżira talab li jiġi rilokat minn hemm għall-parti mill-Ġnien. Il-pjanijiet dwar it-twessigħ tat-triq baqgħu ma mmaterjalizzawx, iżda l-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar ir-rilokazzjoni ta' din il-pompa tal-*petrol* ġew approvati. Il-Kunsill Lokali tal-Gżira oġġezzjona għar-rilokazzjoni tal-pompa tal-*petrol* fil-Ġnien, bir-raġuni ewlenija tkun li l-Ġnien in kwistjoni huwa l-uniku spazju miftuħ fil-lokalità, li fl-aħħar snin saret ċentru kummerċjali b'popolazzjoni densa ħafna. Permezz tal-proċeduri mibdija minnu quddiem it-Tribunal, il-Kunsill appellat oppona għall-mod kif huwa ntalab iċedi parti mill-Ġnien mikri lilu lill-Awtorità tal-Artijiet, u għalhekk talab lit-Tribunal jistħarreġ jekk dan l-għemil amministrattiv tal-appellanta sarx b'konformità mal-prinċipji amministrattivi stabbiliti, u senjatament jekk bid-deċiżjoni tagħha l-Awtorità tal-Artijiet imxietx mal-prinċipji ta' ġustizzja

naturali, u jekk din kellhiex tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. It-Tribunal wasal għall-konklużjoni li mil-lat amministrattiv kien hemm nuqqasijiet fil-mod kif l-Awtorità tal-Artijiet waslet għad-deċiżjoni li tittermina parti mill-kirja tal-Ġnien.

*L-ewwel aggravju:* *It-Tribunal m'għandu l-ebda kompetenza dwar it-tħaddim ta' klawsola kuntrattwali u fejn m'hemm l-ebda deċiżjoni amministrattiva*

32. L-appellanta qalet li ħassitha aggravata bil-fatt li t-Tribunal sema' l-appell imressaq mill-appellat, u qalet li t-Tribunal ma kellux il-kompetenza jisma' l-appell intavolat mill-appellat. Spjegat li hija ddeċidiet li tħaddem klawsola kuntrattwali li kienu marbutin biha l-partijiet fl-iskrittura li tirregola l-kirja, u qalet li f'każ li l-Gvern ikun jeħtieġ lura xi parti mill-art mikrija, l-Awtorità għandha d-dritt titlob ir-rilaxx tal-art fi żmien xahar minn meta ssir talba bil-miktub għal dan il-għan. L-Awtorità tal-Artijiet saħqet li min-naħa tagħha hija aderiet mat-termini ta' din il-klawsola fil-kuntratt lokatizju li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet, u għalhekk meta hija talbet l-art lura hija kienet qegħda sempliċement tinvoka t-tħaddim tal-imsemmija klawsola kuntrattwali. L-Awtorità appellanta saħqet li ma kien hemm l-ebda 'deċiżjoni' kif jitlob l-artikolu 57 tal-Kap. 563, u lanqas ma jista' jingħad li ngħatat xi 'ordni' *ai termini* tal-artikolu 2 tal-Kap. 490, u għalhekk l-ittra tagħha ma kellhiex tiġi mistħarrġa mit-Tribunal. L-Awtorità appellanta saħqet ukoll li t-Tribunal eżorbita mill-kompetenza tiegħu meta pproċeda bis-smigħ tal-appell tal-Kunsill Lokali tal-Gżira.

33. L-Avukat Hendrick Magro, *Legal Professional Officer* mal-Awtorità intimata, fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal spjega li fil-każ odjern kien hemm 'deċiżjoni' li ttieħdet fuq żewġ livelli, id-deċiżjoni li ttieħdet mid-*Disposals Committee* dwar x'għandu jsir mill-art wara li din tiġi mogħtija lura lill-appellanta, u d-deċiżjoni tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità appellanta fejn ta struzzjonijiet lill-avukat tal-Awtorità sabiex jipproċedi ħalli jittermina parti mill-kirja tal-Ġnien. Huwa minnu li l-kundizzjoni li tista' tiġi tterminata l-kirja jew parti minnha bi pre-avviż bil-miktub ta' xahar, hija kkontemplata fl-iskrittura ta' lokazzjoni tal-Ġnien, iżda huwa minnu wkoll li kien hemm ċirkostanzi li wasslu biex tiskatta l-klawsola in kwistjoni, jiġifieri il-ħtieġa tal-art mill-Awtorità tal-Artijiet għal raġunijiet li ma ġewx spjegati fil-pubbliku u li lanqas ma ġew mgħarrfa lill-Kunsill Lokali appellat. Wieħed irid hawnhekk iżomm quddiem għajnejh li għal bosta snin il-Kunsill Lokali tal-Gżira ħa ħsieb jamministra il-Ġnien, ħallas għall-manutenzjoni tiegħu, u anki ħaseb kif jinkorporah fi proġetti pubbliċi għall-benefiċċju tan-nies tal-lokalità.

34. Deċiżjoni amministrattiva hija deċiżjoni li tittieħed meta l-amministrazzjoni pubblika jkollha diversi għażliet quddiemha, u deċiżjoni amministrattivament tajba jew korretta normalment hija dik id-deċiżjoni li titqies li tassigura l-aqwa benefiċċju għall-akbar numru ta' nies. Huwa għalhekk li t-test applikat mit-Tribunal, li għandu l-kompetenza biex jirrevedi atti amministrattivi, huwa dak tar-raġonevolezza, u jekk fil-każ partikolari jkunux tħarsu l-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Fil-każ odjern l-Awtorità tal-Artijiet kellha l-għażla li jew tittermina l-kirja jew parti minnha, jew inkella li tħalli lill-Kunsill Lokali tal-Gżira jkompli jamministra il-Ġnien fl-intier tiegħu. Ir-raġunijiet wara d-deċiżjoni li ħadet l-Awtorità li tinvoka l-klawsola 2 tal-ftehim bejn il-partijiet,

ma ġewx spjegati lill-pubbliku u komunikati lill-Kunsill. Huwa hawnhekk fejn naqset l-Awtorità tal-Artijiet. Ċertament li mhuwiex raġonevoli li tittieħed deċiżjoni mill-Awtorità appellanta li ser taffettwa l-kwalità tal-ħajja ta' ħafna nies li jgħixu fl-inħawi, billi tiskatta l-klawsola li permezz tagħha hija qegħda tippretendi li għandha tieħu parti mill-art lura, u fl-istess ħin issostni li dik id-deċiżjoni ma tistax tiġi mistħarrġa mit-Tribunal. Id-deċiżjoni tal-Awtorità appellanta li tittermina parti mill-kirja tal-Ġnien għalhekk ma tistax titqies ħlief bħala 'deċiżjoni amministrattiva', li l-konsegwenza legali tagħha ser taffettwa bosta residenti li jgħixu fl-inħawi, u għalhekk it-Tribunal kien korrett meta ddeċieda li għandu l-kompetenza fdata lilu mil-liġi biex jistħarreġ dik id-deċiżjoni partikolari. Tqis għalhekk li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *It-Tribunal żnatura n-ness kuntrattwali bejn il-partijiet*

35. L-Awtorità tal-Artijiet qegħda tisħaq li t-Tribunal żnatura l-prinċipji tal-*pacta sunt servanda* u li *contra scriptum non est argumentum.* Qalet li l-kuntratt maqbul u rratifikat miż-żewġ partijiet għandu l-forza ta' liġi għall-partijiet kontraenti, u l-kliem użat huwa ċar u ma jirrikjedi l-ebda interpretazzjoni. Qalet li għalhekk dak li hemm pattwit fl-iskrittura ma jistax jiġi varjat, imma t-Tribunal bid-deċiżjoni tiegħu varja u mmodifika l-kundizzjonijiet tal-ftehim bejn il-partijiet, bidel dak pattwit fi klawsola numru 2 mingħajr ir-rieda tal-partijiet, u ta raġun lill-Kunsill Lokali appellat li qiegħed jopponi li l-art tittieħed lura mingħandu.

36. Il-Qorti tqis li t-Tribunal bid-deċiżjoni tiegħu la mar kontra dak pattwit u maqbul bejn il-partijiet, u lanqas m'huwa qiegħed joħloq kundizzjonijiet ġodda jew b'xi mod ivarja dak miftiehem bejn il-partijiet. Dak li qal it-Tribunal fis-sentenza appellata, mhuwiex li dak miftiehem bejn il-partijiet jista' jiġi leġġerment injorat, jew li dak miktub jista' b'xi mod xi ħadd imerih, imma li fejn si tratta ta' amministrazzjoni pubblika, deċiżjoni li ser timpatta lir-residenti mhux biss ta' lokalità waħda, għaliex mhumiex biss in-nies tal-Gżira li jiffrekwentaw il-Ġnien, iżda l-pubbliku b'mod ġenerali, huwa meħtieġ grad mill-aktar għoli ta' trasparenza, ta' raġonevolezza u ta' ħarsien tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Il-Qorti tqis li bħala minimu, kellu tal-anqas jinstema' l-Kunsill Lokali appellat, li qiegħed jaġixxi fl-interess tar-residenti li jirrappreżenta meta joġġezzjona għad-deċizjoni tal-Awtorità appellanta. Il-konsultazzjoni, u s-smigħ tal-parti l-oħra f'din ir-rabta kuntrattwali, huwa l-minimu ta' dak rikjest biex azzjoni amministrattiva bħal din titqies li hija korretta u li tħares l-interessi tal-akbar numru ta' persuni li jistgħu jiġu affettwati. Id-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet amministrattivi, huma min huma, iridu jkunu trasparenti, korretti u raġonevoli. Il-Qorti għalhekk ma tistenniex li awtorità pubblika bħal ma hija l-Awtorità tal-Artijiet, tqajjem aggravji ta' din ix-xorta f'appelli mressqa minnha. L-Awtorità tal-Artijiet m'għandhiex tirrifjuta jew tilmenta li ġie mpost fuqha xi oneru li mhuwiex ikkontemplat fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, sempliċement għaliex intalbet tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha, meta dan huwa l-inqas li għandu jkun mistenni minn awtoritajiet pubbliċi. Li kieku t-Tribunal ma esiġiex li jsir dan, il-Kunsill Lokali kien ikollu jirrilaxxa l-art mingħajr ebda reazzjoni ta' xejn, sempliċement għaliex saritlu talba bil-miktub mill-awtorità pubblika li għandha l-funzjoni li tamministra l-art pubblika fl-

interess tal-ġid komuni. Iżda dan ma kienx ikun att amministrattiv tajjeb, partikolarment meta wieħed iqis li l-Kunsill Lokali appellat f'din ir-relazzjoni kuntrattwali huwa organu rappreżentattiv, li jrid iwieġeb lir-residenti li jirrappreżenta għal kull deċiżjoni li jaqbel magħha jew li joġġezzjona għaliha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

*It-tielet aggravju:* *it-Tribunal żbalja meta ddeċieda li l-appellanta kellha tagħti raġuni għad-deċiżjoni tagħha*

37. L-Awtorità appellanta tikkontendi li t-Tribunal żbalja meta ddeċieda li hija kellha taderixxi mal-obbligu li tagħti raġuni għad-deċiżjonijiet tagħha. Qalet li hija m'għandha għalfejn tagħti l-ebda raġuni għad-deċiżjoni tagħha, għaliex hija qegħda tinvoka klawsola fi ftehim kuntrattwali li tippermettilha titlob it-terminazzjoni tal-kirja tal-art jew ta' parti minnha, kif fil-fatt għamlet. Għal darb'oħra l-appellanta saħqet li dak li ddeċieda t-Tribunal jammonta għal varjazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-ftehim maqbul bejn il-partijiet, u għalhekk saħqet li t-Tribunal kien żbaljat anki f'din il-parti tad-deċiżjoni tiegħu.

38. Il-Qorti diġà spjegat li hemm prinċipji ogħla li kull awtorità pubblika għandha taħdem biex tilħaqhom, u dan sabiex jiġu mħarsa l-korrettezza u t-trasparenza fl-amministrazzjoni pubblika. Ewlenin fosthom hemm il-ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-obbligu li jingħataw raġunijiet għad-deċiżjonijiet amministrattivi li jittieħdu. Il-Qorti diġà spjegat aktar 'il fuq li dan huwa l-minimu li awtorità pubblika għandha tassoġġetta ruħha għalih, u bil-ħarsien ta' dawn il-prinċipji l-awtorità appellanta mhuwiex jiġi mpost fuqha xi

oneru akbar minn dak li hija responsabbli għalih meta ġiet fdata bl-amministrazzjoni tal-art pubblika f'pajjiżna. Kuntrarjament għal dak li qegħda tgħid bl-aggravji mressqa minnha, l-appellanta għandha tassigura li topera f'qafas ta' trasparenza massima, billi tassigura li meta jittieħdu deċiżjonijiet amministrattivi ta' ċerta portata, tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha. L-Awtorità appellanta m'għandha għalfejn tkun koperta bl-ebda klawsola li tesiġi li hija tkun trasparenti billi tipprovdi r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha, għaliex hija mistennija li tagħmel dan f'kull ċirkostanza. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *l-appellanta ma kellha l-ebda obbligu tagħti raġuni għad-deċiżjoni tagħha*

39. Permezz ta' dan ir-raba' aggravju tagħha, l-Awtorità appellanta qalet li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li kien hemm 'deċiżjoni', u kompla amplifika fuq dan l-iżball meta ddeċieda li hija kellha l-obbligu li tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha, u saħqet li fil-każ odjern hija ma ħadet l-ebda deċiżjoni.

40. Il-Qorti diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha kemm fir-rigward tad-deċiżjoni fl-att amministrattiv impunjat, kif ukoll dwar l-obbligi li għandha kull awtorità pubblika fil-konfront tal-pubbliku in ġenerali. Għaldaqstant ma tħossx il-ħtieġa li tamplifika aktar dwar dan, u għalhekk tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**